MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 1028/2001/1

**Dr. Edwina Grima ghan-nom u in rappresentanza ta' l-assenti A**

**vs**

**B**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 6 ta' Gunju 2001, a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi b'digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili datat 6 ta' Lulju 2000 li qed jigi anness u esebiet bhala Dok. "A", dik l-Onorabbli Qorti kienet irriservat li tipprovdi dwar l-access favur l-attur, kif rappresentat, ghal bintu minuri C gewwa r-Renju Unit wara li jidhlu fis-sehh fil-ligi Maltija d-

disposizzjonijiet tal-*Hague Convention on Child Abduction;*

Illi permezz ta' l-avviz legali numru 131 tas-sena 2000, dahhlet fis-sehh l-Ordni dwar il-Konvenzjoni Ewropea dwar ir-Rikonoxximent u l-Infruzar ta' Decizjonijiet li ghandhom x' jaqsmu mal-Kustodja ta' Minuri u dwar ir-Restituzjoni tal-Kustodja ta' Minuri, liema att skond l-istess avviz legali dahal fis-sehh bejn Malta u r-Renju Unit mill-1 ta' Frar 2000;

Illi sussegwentement u cioe' fil-21 ta' Awissu 2000, l-attur, rappresentat, intavola rikors iehor quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili fejn huwa talab illi jkollu access ghall-minuri bintu gewwa r-Renju Unit, izda b' digriet tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili datat 6 ta' Marzu 2001, li qed jigi anness u mmarkat Dok. "B", il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba ta' l-attur u dderigietu biex jaghmel it-talba tieghu quddiem il-Qorti ta' gurisdizzjoni kontenzjuza;

Illi l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tordna illi l-attur, kif rappresentat, ikollu access ghall-minuri bintu C gewwa r-Regnju Unit u dana taht dawk il-provvedimenti u garanzji li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta biex tixhed in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol 3 *et seq.* tal-process.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat id-Digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili presjeduta mis-Sinjorija Tieghu l-Onorevoli Prim'Imhallef Joseph Said Pullicino datat 6 ta' Lulju 2000 fejn il-kura u l-kustodja tal-minuri giet fdata f'Malta f'idejn il-konvenuta – Digriet Numru 1008/2001.

Rat id-Digriet datat 6 ta’ Marzu 2001 mis-Sekond’Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Joseph David Camilleri fejn dwar l-ewwel talba ghall-perjodu tat-12 ta’ Settembru 2000 sad-19 ta’ Settembru 2000 l-mertu kien ezawriet u dwar it-tieni talba ghall-access fir-Renju Unit iddeciediet illi *“tibghat lir-rikorrenti quddiem il-Qorti ta’ gurisdizzjoni kontenzjuza”.* (Digriet Numru 336/2001).

Rat li b’digriet datat 5 ta’ Novembru 2001 moghti minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghall-1 ta’ Frar 2002.

Rat l-ordni tal-Qorti hekk diversament presjeduta datata l-1 ta’ Frar 2002 fejn il-kawza giet appuntata sabiex tigi mismugha minn din il-Qorti hekk kif presjeduta ghas-seduta tas-7 ta’ Mejju 2002.

Rat l-ewwel verbal quddiem din il-Qorti kif attwalment presjeduta datat 7 ta’ Mejju 2002, fejn Dr. Edwina Grima ghall-attur tat ruhha b’ notifikata bl-avviz tal-kawza u l-kawza thalliet ghan-notifika tal-konvenuta, ghaliex sa dakinhar l-attrici *nomine* kienet ghada ma nnotifikatx lill-konvenuta tant li kien hemm riferti negattivi fit-28 ta’ Dicembru 2001.

Rat il-verbal datat 30 ta’ Ottubru 2002 fejn jirrizulta li Dr. Edwina Grima ghall-attur infurmat lill-Qorti li ma hargitx in-notifika peress li l-attur assenti ma kkomnikax maghha mid-data tal-ahhar differiment. Il-kawza giet differita *sine die.*

Rat ir-rikors ta’ Dr. Edwina Grima *nomine* datat 19 ta’ Frar 2003, a fol. 24, fejn talbet bir-rispett lil din il-Qorti biex terga’ tqieghed il-kawza fuq il-lista ghas-smiegh.

Rat id-digriet datat 20 ta’ Frar 2003, a fol. 25, fejn il-Qorti laqghat it-talba u riappuntat il-kawza ghas-smiegh ghall-25 ta’ Marzu 2003.

Rat il-verbal datat 25 ta' Marzu 2003, fejn Dr. Daniela Cthetcuti ghall-attur prezenti talbet li ssir in-notifika *ai termini* tal-**artikolu 187 (3) tal-Kap 12** f'gazzetta lokali wahda. Inghata digriet affidavit attrici b' terminu ta' 40 jum.

Rat il-verbal datat 25 ta' Gunju 2003 fejn kien ghadu ma sar xejn tant li l-istess kawza baqghet ghan-notifika tal-konvenuta bic-citazzjoni attrici u ghall-prezentata ta' l-affidavits attrici.

Rat il-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-gvern datata 31 ta' Ottubru 2003.

Rat il-verbal datat 12 ta' Novembru 2003 fejn ma deher hadd u l-kawza baqhet differita ghan-notifika tal-konvenuta.

Rat il-verbal datat 20 ta' Jannar 2004, fejn Dr. Edwina Grima ghall-attur prezentat l-affidavit attrici u ddikjarat li ma kellix provi izjed u informat lill-Qorti li kellha tipprezenta estratt tal-pubblikazzjoni fil-gazzetta lokali.

Rat l-affidavit tal-attur **A** minn fol. 37 sa fol. 40 tal-process, tali affidavit bil-lingwa ingliza datat 17 ta' Dicembru 2003 u pprezentat seduta *stante* fl-20 ta' Jannar 2004.

Rat in-notifika bl-affissjoni datata 27 ta' Ottubru 2003.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta datata 9 ta' Frar 2004, a fol. 41 tal-process fejn eccepiet :-

1. Illi l-eccipjenti dejjem giet iggwidata biss minn dak li hu fl-ahjar interess ta' bintha C u ghalhekk tissottometti li l-Onorevoli Mhallef li qed jippresjedi joghgbu jisma' lil bintha C huwa stess anke fl-assenza taghha;

2. Illi kien l-attur stess li wassal lit-tifla sal-punt li ma temmnux u ma tafdahx aktar minhabba li dejjem iweghedha li gej Malta biex jaraha mbaghad ma jzommx il-kelma. Qalilha li ser jiffiralha l-formola biex ikollha passaport izda ghalkemm l-eccipjenti baghatithielu biex

jiffiraha, huwa ma baghatilhiex lura ffirmata. B'hekk qed jikkawzalha hsara psikologika u hafna ansjeta';

3. Illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tezamina l-garanziji u salvagwardji qabel ma t-tifla tigi mehdua barra minn Malta li ma jmurx A ma jirritornax lil C hawn Malta lill-eccipjenti. L-eccipjenti tixtieq tara lil bintha ferhana u mhux irrabjata kull meta hi stess tibda ssemmji li missierha ma jzommx il-kelma li jaghtiha;

4. Illi salvi eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

Rat id-dikjarazzjoni taghha a fol. 42 tal-process u l-lista tax-xhieda a fol. 43.

Rat il-verbal datat 19 ta' Frar 2004, fejn inghata digriet ghall-affidavit tal-konvenuta. Il-Qorti ordnat lill-konvenuta sabiex fi zmien 40 guranta tipprezenta affidavit tal-konvenuta u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura ta' l-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensur tal-kontro-parti b' riserva ta' kontro-ezami. Fin-nuqqas li jigu prezentati tali affidavit fit-terminu indikat il-Qorti tiehu l-provvediment opportuni, inkluz jekk ikun il-kaz anke' li l-kawza tibqa' differita ghas-sentenza fuq il-provi li jkun hemm dak fl-atti processwali.

Rat il-verbal datat 11 ta' Mejju 2004, fejn Dr. Tonio Azzopardi ghall-konvenuta prezenti nforma lill-Qorti li l-konvenuta lestiet l-affidavit taghha pero' kien ghadu mhux mahluf u obbliga ruhu li jipprezentah fi zmien ghaxart (10) ijiem. Dr. Edwina Grima indikat li l-access gor-Renju Unit li kien qed jitlob l-attur kien ta' xi gimghatejn fis-sajf u alternattivament fil-Milied, l-ewwel tas-sena u l-Ghid. Dr. Tonio Azzopardi talab lil Qorti biex titkellem mal-minuri.

Rat in-nota tal-konvenuta **B** datata 2 ta' Awissu 2004, a fol. 47, li permezz taghha esebit l-affidavit taghha.

Rat il-verbal tas-19 ta' Ottubru 2004 fejn minhabba indisposizzjoni tal-Qorti kif presjeduta l-kawza giet differita

ghall-iskop tal-verbal precendenti w allura ghall-finali trattazzjoni.

Rat il-verbal datat 15 ta’ Frar 2005, fejn il-Qorti giet informata mill-konvenuta li minuri C Ann ma attenditx il-Qorti minhabba li kellha l-ezamijiet. Dr. Edwina Grima rtirat kopja tal-affidavit tal-konvenuta. Dr. Tonio Azzopardi imsejjah diversi drabi baqa’ ma deherx u l-kawza giet differita sabiex il-Qorti tkellem lill-minuri ghall-15 ta’ Marzu 2005 wara l-10.30.a.m.

Rat il-verbal datat 15 ta’ Marzu 2005 fejn dehret il-konvenuta; il-Qorti fl-istess seduta kellmet lill-minuri C Ann Worgan *in camera* u informalment u fl-assenza tal-partijiet u d-difensuri taghhom. Il-minuri wriet lill-Qorti notamenti li nizzlet f’ notebook biex tindika dak li ghandha tghid lill-istess Qorti. Il-minuri wriet ix-xewqa li ma tarax lill-missierha specjalment barra minn Malta, u tidher li lanqas f’ Malta m’ ghandha hajra li tarah. Illi l-istess Qorti vverbalizzat dan u sejhet lill Dr. Daniela Chetcuti ghall-attur u l-konvenuta. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghat-22 ta’ Gunju 2005.

Rat il-verbal datat 22 ta’ Gunju 2005, fejn Dr. Tonio Azzopardi ghall-konvenuta rrileva li l-attur ilu ma jhallas manteniment ghall-minuri minn Settembru 2004. Dr. Tonio Azzopardi fakkar lil Qorti li l-minuri ghandha ghaxar (10) snin. Dr. Daniela Chetcuti msejha diversi drabi baqghet ma dehritx. Dr. Edwina Grima msejha diversi drabi bqaghet ma dehritx. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Novembru 2005.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi din hija kawza fejn l-attur bhala missier il-minuri C qed jitlob li huwa jinghata access ghal-minuri fl-Ingilterra u fil-fatt fis-seduta tal-11 ta’ Mejju *tramite* Dr. Edwina Chetcuti indika li kien qed jippretendi li l-istess attur ikollu access

ghall-minuri ta’ gimghatejn fis-sajt u alternattivament fil-Milied u fl-ewwel tas-sena, dejjem fir-Renju Unit.

Illi jigi rilevat li attwalment il-kura u l-kustodja tal-minuri hija f’idejn l-omm, hawn Malta u dan permezz ta’ digriet datat 6 ta’ Lulju 2000 moghti mis-Sinjorija Tieghu l-Onorevoli Prim’Imhallef Joseph Said Pullicino meta kien qed jippresjedi s-Sekond’Awla tal-Qorti Civili.  Jidher li l-partijiet kienu dak iz-zmien qabblu dwar acess tal-minuri meta l-missier ikun hawn Malta, fejn bla dubju l-istess minuri hija domiciljata u abitwalment residenti. Jidher li dan il-ftehim ghall-access tal-minuri hawn Malta gie inkorporat fl-istess digriet tant li inghad  li tali access ghandu jkun *“skond ftehim bejn il-partijiet meta r-ragel ikun hawn Malta”.* (fol. 8).

Illi l-partijiet jidher li zzewgu Malta fit-3 ta’ Settembru 1994 u baqaw hawn sa Lulju 1995 u sadanitant il-minuri twieldet fl-10 ta’ Frar 1995; ghexu l-Ingilterra sa Frar 1997 u l-konvenuta giet Malta bit-tifla fi Frar 1997. Il-missier gie jara lit-tifla Malta f’April 1997; f’Novembru l-konvenuta u bintha marru l-Ingilterra, regghu ghexu ma’ missier il-minuri u l-genituri tieghu izda l-konvenuta fis-sena 1999 giet lura Malta bit-tifla.  F’Dicembru l-attur jghid li gie Malta li inghata dritt ta’ access ghall-Malta u jghid li huwa ta l-garanziji kollha skond il-Hague Convention sabiex ikun jista’ jara lil bintu barra minn Malta. L-attur jghid li gie Malta darbtejn jew tlett darbiet fis-sena sabiex jara lil bintu u dejjem hallas il-mantenimnt ta’ bintu, u huwa sostna li jaccetta li l-istess minuri hija cittadina Maltija u r-residenza taghha hija Malta.

Illi l-konvenuta fl-affidavit  taghha tghid li hija kienet kostretta tizzewweg lill-attur peress li kienet harget tqila; fil-fatt izzewgu f’Settembru 1994; jidher li ghexu l-Ingilterra u tallega li l-attur kien spiss ikun xurban u fis-sakkra; tghid li kien hemm okkazzjonijiet fejn ma rritornax id-dar u dawn ma kienux cirkostanzi isolate.  Il-konvenuta tghid li kien ghalhekk li giet Malta fid-9 ta’ Frar 1997 izda regghet marret l-Ingilterra f’Novembru 1997 u tispjega l-problemi li skond hija ghaddiet minnhom fosthom in-nuqqas ta’ flus, ta’ manteniment minghand l-attur u ghalhekk kellha

tahdem. Il-konvenuta allegat li l-attur kellu relazzjoni adultera, u minhabba problemi matrimonjali l-konvenuta hasset li kienet kostretta tigi Malta. F'Settembru tghid li l-attur gie Malta ma' ommu u tghid li minn Lulju 2000 huwa dejjem hallas manteniment ghal bintu, liema manteniment waqaf biss f'Settembru 2004. Jidher li meta jigi hawn Malta l-partijiet b'xi mod jirrangaw dwar l-access ta' l-istess minuri ristrett ghal hawn Malta ghalkemm ma' hemm l-ebda dubju li l-omm tibza' li l-attur jiehu lill-minuri barra minn Malta u jahrab biha.

Illi din il-Qorti bla ebda dubju ghandha tiddeciedi dan il-kaz fl-interess ta' l-istess minuri. Din il-Qorti thoss li huwa sinfikanti f'dan il-kaz li din il-kawza ilha miftuha minn missier il-minuri mis-6 ta' Gunju 2001 u fl-ebda mument sa llum il-missier ta' l-istess qatt ma' hass li ghandu jidher quddiem il-Qorti, ghalkemm jghid li jigi hawn Malta darbtejn u tlett darbiet fis-sena sabiex jara lill-minuri; fil-fatt mill-verbali quddiem din il-Qorti mhux biss qatt ma' deher quddiem din il-Qorti izda qatt ma' talab biex jidher; kull ma' ghamel kien biss li pprezenta l-affidavit tieghu fl-20 ta' Jannar 2004 datat 17 ta' Dicembru 2003 u maghmul l-Ingilterra. Kien hemm zmien ukoll fejn lanqas ikkomunika ma' l-avukat u l-mandatarju tieghu f'din il-kawza.

Illi dan kollu huwa sinfikanti peress li l-istess minuri uriet lill-Qorti li hija decizament dizappuntata bil-hafna weghdiet li skond hija kien jaghmilha missierha li hija tghid li qatt ma' inzammu minnu. Il-minuri C tidher li tinsab ferm imwegga b'dan l-attagament, u llum tibza wkoll li jista' jsir xi haga li biha hija ma tkunx tista' tara lill-ommha izjed, tant li din it-tifla li llum ghandha ghaxar snin espremiet ix-xewqa li mhux biss ma' jigix ordnat sabiex ikollha access ma' missierha barra minn Malta, izda wkoll li hawn Malta ma tigix kostretta tara lil missierha.

Illi ma' hemm l-ebda dubju li apparti li l-minuri hija prottetiva ghal ommha, l-istess minuri hija mwegga' bl-attagament ta' missierha, li jghid mod u jaghmel iehor, u jidher li din l-attitudini tal-missier lejn il-minuri kkawzat hsara serja lill-istess minuri, tant li tecita ruhha hafna meta thoss li ser tkun kostretta tara lil missierha, anke hawn

Malta, ahseb u ara barra minn Malta. Jidher li l-agir tal-missier f'ghajnejn il-minuri kkawza li l-istess tifla tilfet il-fiducja kollha fil-kelma ta' missierha, tant li mill-inkontru li l-istess Qorti kellha ma' din it-tifla, jidher car li din it-tifla hija literalment imwegga bin-nuqqas ta' missierha li jzomm il-weghdiet tieghu maghha. Jidher li din l-esperjenza grat hafna drabi fil-passat, u l-istess tifla qed tipproteggi ruhha minn din l-inkonsistenza *da parte* ta' missierha w allura iktar qed tkun diffensiva fl-attagament taghha lejh. Jidher li hemm bzonn qabel kollox li l-missier jerga' jirbah il-fiducja fih minn bintu stess li dalwaqt issir tfajla llum; ma ninsewx li din is-sitwzzjoni ilha qed tizviluppa mill-inqas ghal dawn l-ahhar hames (5) snin.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi kollha tal-kaz li huwa fl-interess tal-minuri li f'dan l-istadju t-talba attrici ma ghandhiex tigi milqugha, u dan ghaliex fl-istat ta' l-izvilupp attwali tal-minuri dan jista' jikkawza iktar hsara lill-istess tifla, tant li f'cirkostanzi simili qed thossha li tkun imbezza' wisq u qed tghaddi minn hinijiet ta' tensjoni u biza', tant li jirrizulta b'mod mill-aktar lampanti lil din il-Qorti li l-istess minuri ma' ghandhiex illum fiducja f'missierha, anzi ghandha biza' konstanti li jekk tkun mieghu barra minn Malta hija tista' tigi kostretta ma tigix lura Malta. Tant hija kbira din il-biza' attwali ta' l-istess tifla, li l-Qorti sfortunatement hasset fl-inkontru informali ma' l-istess minuri, li sabiex tigi eleminata din il-possibilita' l-istess minuri hasset li ghandha tghid b'certa enfazi lil din il-Qorti li lanqas f'Malta ma' thoss li ghandha tigi kostretta tara lil missierha.

Illi fid-dawl ta' dan kollu u f'dawn il-*fattispecie* paritikolari tal-kaz odjern din il-Qorti thoss li huwa fl-interess massimu u suprem tal-minuri li t-talba attrici ma ghandhiex tigi milqugha f'dan il-mument tal-hajja ta' l-istess minuri; f'dan il-kaz ukoll din il-Qorti thoss li huwa wkoll fl-interess ta' l-istess minuri li x-xewqat taghha ghandhom jigu osservati u rispettati w l-vuci ta' l-istess minuri ghandha jkollha effett u dan fis-sens li la darba hija qed thossha daqshekk skomda u mwerwra li meta tkun barra minn Malta hija ma tkunx tista' tigi lura Malta jew inkella qed thoss li tista' tigi b'xi mod jew ghal xi zmien impeduta li tibqa' tghix ma'

ommha hawn Malta, din il-Qorti ma ghandhiex taghti l-ordni kif mitluba mill-attur assenti. Anzi din il-Qorti thoss li ghandu jkun l-missier stess li jara li bintu ma tingibx f'din is-sitwazzjoni li attwalment din il-Qorti thoss li l-minuri giet impoggija fiha.

Illi ghalhekk fic-cirkostanzi filwaqt li din il-Qorti thalli li l-access hawn Malta mill-missier ghall-minuri jibqa' kif gja decretat mill-Qorti kompetenti, b'dan pero' li l-istess minuri ma ghandhiex tigi sforzata b'xi mod sabiex tattendi ghal istess access mal-missier hawn Malta, u ghal dan l-iskop din il-Qorti tinnomina lill-Agenzija Appogg sabiex *tramite* s-*social workers* taghha tikkomunika dan kollu lill-istess minuri u sabiex Agenzija timmonitorja s-sitwazzjoni fl-interess ta' l-istess minuri, dejjem ghal dak li huwa access ta' l-istess minuri mal-missier hawn Malta, u filwaqt li tordna li l-istess minuri ghandha taht id-direzzjoni ta' l-istess Agenzija Appogg tipprovdi t-terapija necessarja lill-istess minuri a spejjez taz-zewg partijiet, thoss li f'dan l-istadju huwa fl-interess tal-minuri li t-talba attrici tigi michuda. Din il-Qorti tordna lill-konvenuta sabiex a spejjez taghha tinnotifika koppja legali ta' din is-sentenza lill-Agenzija Appogg u lill-Kummissarju tat-Tfal.

## <u>III. KONKLUZZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta biss in kwantu l-istess huma kompatibbli ma' dak fuq premess u deciz u kwantu l-istess huma fl-interess suprem tal-minuri, **tichad it-talba attrici f'dan l-istadju** *stante* li tali access propost barra minn Malta ma huwiex illum u fic-cirkostanzi attwali fl-interess ta' l-istess minuri, b'dan li din il-Qorti tordna li l-istess interessi tal-minuri u x-xewqat taghha jibqghu jigu monitorjati mill-Agenzija Appogg, filwaqt li l-istess Agenzija Appogg ghandha tara li l-istess minuri tircievi t-terapija kollha li ghandha bzonn fl-interess ta' l-istess minuri.

Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex jikkomunika kopja legali ta' din is-sentenza lill-Agenzija Appogg u lill-

Kummissarju tat-Tfal, filwaqt li fl-interess tal-minuri tordna d-divjet ta' pubblikazzjoni ta' l-ismijiet tal-partijiet u ta' l-istess minuri.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace.**
**30 ta' Novembru, 2005.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------